**Innijiet għall-mużika ta' Dun Anton Xiberras (II)**




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont kellimtkom fuq żewġ innijiet ta' Dun Anton Xiberras (DAX): Lilek Omm Alla (Angelus) (1953), fuq mużika diġà teżisti ta' Don Andrea Angelo Castelli (1876-1970); l-Innu ta' Sant'Antnin ta' Padwa (1954), Protettur taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan, immużikat minn Mons. Guido Calleja (1928-2018). Dal-innijiet kont tkellimt dwarhom waqt waħda minn żewġ taħditiet li għamilt fl-2018 fis-sala tal-anness tal-knisja parrokkjali, u li kienu organizzati mill-'Għaqda Wirt Kulturali Naxxari'. Għal dis-sena wkoll, qed nippreżentalkom żewġ innijiet oħra mill-pinna ta' DAX: Għanja għat-tfal taċ-Ċirklu S. Lwiġi tan-Naxxar (1947), b'mużika ta' Mons. Karm Scerri (1905-81), u l-Innu 'l-Madonna tal-Ġebla (1951), immużikat minn Dun Edward Corrado.

Kliem muftieħ: Naxxar, San Ġiljan, Innu, Dun Anton Xiberras, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Wirt Kulturali Naxxari


Dun Anton Xiberras, il-qassis-poeta Naxxari ta' dal-innijiet

Għad li f'Mejju tal-1948 DAX kien mar joqgħod għal dejjem San Ġiljan – flimkien m'ommu u ħutu subien u bniet, u fl-aqwa ta' żogħżitu – xorta waħda baqa' għal xi żmien ieħor editur tad-'Djarju tan-Naxxar'. Fl-istess żmien ukoll, ta bidu għal rivista oħra, simili għal dik Naxxarija, bl-isem ta' 'Xaqq Dawl' – speċi ta' bullettin parrokkjali għall-komunità Ġiljaniża. Iż-żewġ rivisti kienu waqfu joħorġu f'nofs il-50inijiet tas-seklu li għadda. Madankollu, xorta waħda baqa' jgħanni għal raħal twelidu permezz ta' sunetti ddedikati lit-Twelid ta' Marija. Fil-bidu tas-60inijiet ukoll, DAX irnexxielu jikkompila l-'Enċiklopedija tan-Naxxar' fi tliet volumi, u li baqa' jaġġornahom b'tagħrif supplimentari tul il-bqija ta' ħajtu. Kemm id-'Djarju tan-Naxxar', kif ukoll l-'Enċiklopedija tan-Naxxar' jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa arċipretali tan-Naxxar.

**Għanja għat-Tfal taċ-Ċirklu S. Lwiġi** (Naxxar)

Storja: Iċ-Ċirklu San Alwiġi Gonzaga ta' Misraħ ir-Rebħa kien biss ċentru temporanju. Dan għaliex, l-Oratorju l-qadim li kien hemm fi Triq is-Salib kien inħaraq inċidentalment fi żmien il-Gwerra; il-ġdid kien għadu biss ħolma ambizzjuża f'moħħ Dun Ġakomin Galea (1880-1966) li ried jibni monument bħala ċentru tal-katekiżmu. Iċ-Ċirklu li kien hemm fil-pjazza tar-raħal kien żgħir wisq bħala post, u għaldaqant, dal-qassis viżjonarju ried jibni ċentru adattat għat-tfal u ż-żgħażagħ fit-tagħlim nisrani. Iċ-Ċirklu San Alwiġi Gonzaga fetaħ il-bibien tiegħu fl-1947, bl-ewwel laqgħa ssir fit-18 ta' Ġunju, u b'Dun Ġakomin bħala l-ewwel Assistent Ekkleżjastiku. L-ewwel tesserament tal-membri sar sena wara, il-Ħadd, 30 ta' Mejju, fejn indaqq għall-ewwel darba l-'Innu lil San Lwiġi Gonzaga'.


San Lwiġi Gonzaga (1568-91)

L-innu hu wieħed sempliċi għall-aħħar, kemm fl-għażla tal-kliem, kif ukoll fil-ħsieb. U sabiex l-innu jieħu xejra aktar popolari, l-istrofi kollha jagħmlu użu mill-

vers ottonarju:

- L-ewwel strofa tiftaħ bil-għajta tat-tfal li m'hemmx ħaġa isbaħ fil-ħajja tagħhom minn dik li jkunu miġburin għalenija f'daċ-Ċirklu. Dan għaliex, it-tfal jinsabu wisq ferħana biċ-Ċirklu li għadu kemm infetaħ apposta għalihom fin-Naxxar.

- It-Tieni strofa hi bħal talba ċkejkna lil San Alwiġi, Patrun tat-tfal, fejn jitolbuh bil-ħrara kollha biex mis-sema jħarishom f'ħajjithom, u jwegħduh li f'dal-'wied' jaħdmu biss għal Alla.

- It-tielet strofa titkellem fuq l-hena li jistgħu jġarrbu t-tfal ġewwa qlubhom kemm-il darba l-ħsieb waħdieni tagħhom ikun biss li jsebbħu lil Alla.

- Ir-ritornell hu ċelebrazzjoni fih nnifsu għall-fatt li, m'hemm xejn isbaħ f'ħajjet iż-żgħar milli jkunu miġburin ferħana f'daċ-Ċirklu li twaqqaf għalihom.




L-Innu miktub bl-idejn minn DAX ('Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1947, Għadd 7)

L-Innu għandu mużika ta' Dun Karm Scerri (1905-81), u li tiegħu sibna biss il-melodija miktuba bl-idejn minn DAX.[1] L-Innu għandu forma binarja, biż-żewġ partijiet bl-istess ammont ta' battuti. L-ewwel parti tinkludi l-istrofa u fiha 16-il battuta, imqassmin f'żewġ frażijiet ta' tmienja l-waħda, fejn il-melodija tinbena bis-sistema *ready, steady, go*; bil-motif tal-bidu jirrepeti ruħu mill-ewwel qabel ma jiġi żviluppat, jew sempliċiment estiż. L-istess ħaġa fir-ritornell, fejn għandna l-istess ammont ta' battuti u frażijiet. Ħaġa komuni fiż-żewġ taqsimiet hi li l-frażijiet jibdew kollha fuq il-parti debboli tal-battuta, f'temp jitbandal ta' $^{6}/_{8}$ (*sej otto*), immarkat li jrid jindaqq Andant, imma fl-istess ħin miġbur u devot. Bħala tonalità, il-kompożitur għażel dik ta' Mi*b* Maġġuri, li hi ferm adatta għall-vuċijiet puerili bla ma ddaħħalhom wisq f'noti għoljin. Iżda, filwaqt li fl-ewwel parti l-kor tat-tfal ikanta fl-unisonu, dawn jispiċċaw diviżi fit-tieni waħda. B'hekk, minbarra li jinħoloq kuntrast bejn iż-żewġ partijiet, dan jgħin ukoll biex ir-ritornell jilħaq il-qofol tiegħu.

## **Innu 'l-Madonna tal-Ġebla** (Gżira)

L-istorja tal-Madonna tal-Ġebla: Skont tradizzjoni lokali, li tagħha jeżistu xi varjanti, il-knisja parrokkjali tal-Gżira, iddedikata 'l-Madonna tal-Karmnu, taf il-bidu tagħha minn inċident li kien seħħ fl-għodwa sajfija tal-10 ta' Lulju 1902, fejn f'tarf Triq Manoel, Karmnu Brincat kellu ħanut żgħir tal-inbid. Tliet baħrin Ingliżi, William Walls, Charles Thurnbull u John Packhun, marru fil-ħamsa ta' filgħodu biex jixorbu minn dal-ħanut, u billi sabuh magħluq, bdew igaraw xi ġebel lejn il-faċċata. Malli Karmnu tfaċċa fil-bieb tal-ħanut, wieħed minnhom xejjirlu daqqa ta' bastun fuq imnieħru. Huma ppruvaw jaħarbu minn fuq il-post sakemm waslet il-pulizija, iżda xi ħin wara ġew arrestati. Ġara li, waħda mill-ġebliet, li skont Karmnu Brincat kienet tiżen man-nofs artal, kissret il-ħġieġ tan-niċċa bix-xbieha tal-Madonna li kien hemm imdendla qrib it-tieqa. Iżda mirakolużament, dil-ġebla nqabdet bejn biċċtejn ħġieġ u l-kwadru. U tant weħlet, li lanqas ir-riħ qawwi li nefaħ dakinhar ma rnexxielu jaqlagħha minn postha.

[1] Ara d-'Djajru tan-Naxxar', Diċembru 1947, Għadd 7, p. 230.


L-inkwatru tal-Madonna u l-ġebla jinsabu fil-knisja parrokkjali tal-Gżira

Dil-ġrajja tant qanqlet il-kurżità tan-nies, li saħansitra kellha tindaħal l-Awtorità Ekkleżjastika, li min-naħa tagħha qabbdet lill-Periti Kav. Galizia u Trevisan, biex flimkien mal-Kappillan ta' Tas-Sliema, imorru fuq il-post ħalli jaraw kif seħħet l-affari, u eventwalment joħorġu rapport ta' kif ġara eżatt il-fatt. Il-ġebla ġiet maqlugħa bil-permess tal-Isqof u, flimkien mal-kwadru, ittieħdu fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris. Hemmhekk saru prietki, tifħir, talb u devozzjoni bi tpattija tal-insult għal tlitt ijiem sħaħ. Għall-ewwel, fil-post fejn seħħ l-inċident kienet inbniet kappella mdaqqsa ddedikata 'l-Madonna tal-Ġebla. Dan wassal biex fis-7 ta' Lulju 1913 il-Gżira tibda tinfired formalment mill-parroċċa Slimiża. Iżda kien biss fil-15 ta' Mejju li l-Isqof Mawru Caruana ddikjara 'l-istess kappella bħala vera parroċċa indipendenti u bidlilha t-titlu f'dak tal-Madonna tal-Karmnu.

Skont DAX kien Dun Pawl Galea ta' San Ġiljan li, malli laħaq Kappillan tal-Gżira wara Dun Karlu Manché, talbu 'biex jagħmillu tliet strofi bħala innu 'l-Madonna tal-Ġebla, miqjuma fil-knisja parrokkjali tal-Gżira.'[2] Dun Anton kien ġa ddedikalu poeżija oħra meta ħa l-pussess ta' dil-parroċċa fit-18 ta' Marzu 1951. Dun Pawl, imwieled in-Nadur, kien attiv ħafna fil-ħajja parrokkjali Ġiljaniża, u kien strumentali biex twaqqfet l-ewwel banda f'das-subborg marittmu. Irid jingħad li, Dun Anton kien ġie trasferit għall-parroċċa ta' San Ġiljan f'Mejju tal-1948, u għaldaqstant bilkemm laħaq lil Dun Pawl, li dan tal-aħħar ma marx il-Gżira. Madankollu, il-poeżija tagħti wieħed x'jifhem li kien laħaq sar jaf lil Dun Pawl mhux ħażin, tant li nisiġlu poeżija bi 15-il strofa, li fiha jiddeskrih, fost affarijiet oħra, bħala 'Missier wisq ħanin'.

F'dawk li huma versi, fl-artiklu tiegħu 'Innu ta' Naxxari ġdid Mużikat', datat it-12 ta' Lulju 1951, insiru nafu li Dun Anton għamel użu mill-vers dekasillabu minħabba l-mużika. Fil-każ tar-ritornell, il-poeta ħaddem il-vers ottonarju, kif normalment insibu fil-kwartini tal-għana popolari. Dun Anton ma naqasx ukoll li fl-artiklu jikkwota r-ritornell peress li l-qofol tal-ġrajja kollha jinsab f'dal-erbat ivrus: *Jekk barrani kasbar ġieħek; / Meta ġebla tefa' għalik; / Aħna biss vleġeġ ta' mħabba, / Għandna jtiru għal ġo fik.*



Partitura tal-Innu lill-Madonna tal-Ġebla, mużika ta' Dun Dward Corrado

Skont Dun Anton, Dun Dward Corrado, qassis twajjeb u pulit, kien il-bniedem li ndaħal biex jimmużika l-innu. Dal-qassis fil-parroċċa tal-Gżira kien jgħallem il-kant Gregorjan fis-Seminarju 'l-istess Dun Anton, u kien ukoll assistent surmast tal-*Cappella* ta' San Ġwann, il-Belt, bħala organista. Kien ukoll l-Assistant Ekkleżjastiku tal-Aspiranti u l-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika tal-Gżira, u mhux l-ewwel darba li kien jiġborhom fil-kamra tiegħu, fid-dar tal-Kappillan, biex idoqqilhom id-diski operistiċi fuq il-grammafonu, u jakkumpanjahom fil-kant fuq orgni żgħir li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dun Carrado kkompona diversi innijiet oħra, fosthom l-Innu 'l-Madonna tad-Duluri u l-Innu lis-Saċerdot.

Jidher li Dun Anton kien kuntent bil-mużika ta' dal-innu għax fi kliemu stess: 'Il-mużika rnexxiet mhux ftit.' Iżid jgħid ukoll li: 'L-istrofa prinċipali timxi devota, imma r-ritornell jimxi qawwi u fl-istess ħin devot.' Skontu wkoll, l-innu 'tkanta l-ewwel darba fil-pubbliku fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, nhar

[2] Ara d-'Djarju tan-Naxxar' ta' Ġunju 1951, Għadd 21, p. 71.

il-Festa tat-Titular tal-Gżira Tal-Karmnu, nhar it-8 ta' Lulju 1951, mal-banda karmelitana taż-Żurrieq.' Hu jagħlaq l-artiklu tiegħu billi jinfurmana li: 'Il-mużiku u l-poeta kienu preżenti u kantaw mal-kor tat-tfal.' Kif kien mistenni, l-innu ddedikat lill-Madonna tal-Ġebla intlaqa' tajjeb ħafna mill-Gżirjani, tant li 'minn idejn in-nies ħarġet ċapċipa kbira.' Il-ġurnal t'ispirazzjoni Kattolika 'Leħen is-Sewwa' tal-4 ta' Lulju[3] wkoll ġab dil-aħbar, u jżid jgħid li kienu fil-fatt 'it-tfal tal-Parroċċa li kantaw dal-Innu mal-Banda għall-ewwel darba fil-festa tal-1951.'

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[3] Did-data kif jagħtihielna DAX fis-suppliment tal-Enċiklopedija tan-Naxxar.